MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tas-17 ta' Jannar, 2013

Numru 899/2012

**PULIZIJA**
**SPETTUR EDMOND CUSCHIERI**
**VS**
**ANTHONY VELLA**
**PAUL VELLA**
**DAVID VELLA**
**FRANCIS VELLA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Anthony Vella ta’ 61 sena, bin Joseph u Rose nee’ Micallef, mwieled Mgarr nhar il- 21 ta’ Jannar 1951, residenti Menahem, Triq San Filippu, Mgarr u detentur tal-Karta tal- Identita’ bin- numru 102551M ;
U
Paul Vella ta’ 63 sena, bin Joseph u Rose nee’ Micallef, mwieled Mgarr nhar it- 28 ta’ Dicembru 1948, residenti

Mei Ling, Triq San Filippu, Mgarr u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 116049M;
U
David Vella ta’ 52 sena, bin John u Joan nee’ Schembri, mwieled San Pawl il- Bahar nhar it- 13 ta’ Marzu 1959, residenti Los Angeles, Triq San Pawl, San Pawl il- Bahar u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 278259M;
U
Francis Vella ta’ 54 sena, bin Louis u Rose nee’ Vella, mwieled Ballut nhar il- 21 ta’ Awwissu 1957, residenti 222, Val Vigna, Triq iz- Zebbiegh, Mgarr u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 639157M;

Talli ;

1) Lil Anthony Vella u Paul Vella talli fil- kapacita’ taghhom personali u/jew ta’ diretturi tal- kumpanija Swaey Bros Ltd u David Vella, Francis Vella u Paul Vella fil- kapacita’ taghhom personali u/jew ta’ diretturi tal- kumpanija Ballut Blocks Ltd talli nhar is- 17 ta’ Awwissu 2010, ghall- habta tat- 3.15pm fl- impjant ta’ Swaey Bros fil- Mosta b’ nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni, jew b’ nuqqas ta’ hil fl- arti jew fil- professjoni taghhom jew b’ nuqqas ta’ tharis tar- regolamenti ikkagunaw il- mewt ta’ Wayne Vella;

2) Lil Anthony Vella u Paul Vella fil- kapacita’ taghhom personali u/jew ta’ diretturi tal- kumpanija Swaey Bros Ltd wahedhom talli fl- istess zminijiet, lok u cirkostanzi naqsu milli jharsu s- sahha u s- sigurta’ tal- impjegati, kif ukoll tal- persuni kollha li jistghu jigu affetwati bix- xoghol, li jkun qed isir u dan billi naqsu milli jiehdu l- passi necessarji kollha sbaiex jigi evitata dannu fiziku, korriment jew mewt fuq il- post tax- xoghol;

3) Lil Anthony Vella u Paul Vella fil- kapacita’ taghhom personali u/jew ta’ diretturi tal- kumpanija Swaey Bros Ltd wahedhom talli fl- istess zminijiet, lok u cirkostanzi bhala persuni li jhaddmu naqsu li jiehdu l- mizuri mehtiega biex jizguraw li l- apparat tax- xoghol ghad- dispozizzjoni tal- haddiema fl- intrapiza u/jew fl- istabbiliment innifsu jkunu adatti ghax- xoghol tal-

hddiema fl- intrapiza u/jew fl- istabbiliment innifsu jkunu adatti ghax- xoghol li jkun se jitwettaq jew adatti kif imiss ghall- iskop u jkunu se jintuzaw mill- haddiema minghajr periklu ghas- sigurta' u ghas- sahha taghhom;

4) Lil David Vella, Francis Vella u Paul Vella fil-kapacita' taghhom personali u/jew ta' diretturi tal-kumpanija Ballut Blocks Ltd wahedhom talli fl- istess zminijiet, lok u cirkostanzi bhala persuni li jhaddmu naqsu milli jizguraw li jiehdu l- mizuri mehtiega matul il- hajja tax-xoghol tieghu kollha, l- apparat tax- xgohol ikun qieghed jinzamm, permezz ta' manutenzjoni adegwata;

5) Lil David Vella, Francis Vella u Paul Vella fil-kapacita' taghhom personali u/jew ta' diretturi tal-kumpanija Ballut Blocks Ltd wahedhom talli fl- istess zminijiet, lok u cirkostanzi bhala persuni li jahddmu naqsu milli jizguraw li l- apparat tax- xoghol espost ghall-kondizzjonijeit li jikkawzaw deterjorament u li jista' jwassal ghal sitwazzjonijeti ta' periklu isirulu spezzjonijiet perjodici u meta jkun adattt, testijiet minn persuni kompetenti. Ir-rizultat ta' dawn l- ispezzjonijiet ghandhom jigu registrati minn min ihaddem u jinzammu ghal perjodu minimi ta' sentejn u meta jintuza apparat tax- xoghol barra mill-intrapiza dan ghandu jkollu prova fizika fuqu li l- ahhar spezzjoni mehtiega li ssir b' dawn ir- regolamenti tkun fil-fatt saret. Kull record li johrog minn xi spezzjoni ghandu jinzamm hekk li l- Awtorita' tkun tista tarah meta titlob li taghmel dan;

Rat u ezaminat id-dokumenti ezebiti;

Semghet ix-xhieda;

Rat illi l-ewwel imputazzjoni giet irtirata mill-Prosekuzzjoni, u ghaldaqstant il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess;

Rat illi ghalhekk, il-kawza issa giet ikkonvertita ghal wahda ta' kompetenza ordinarja tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, u setghet tigi ttrattata u deciza sommarjament minn din l-istess Qorti;

Rat illi l-Prosekuzzjoni rtirat l-imputazzjonijiet l-ohra kollha fil-konfront ta' Anthony Vella, David Vella u Francis Vella, u ghalhekk il-Qorti sejra tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghhom bhala imputati f'din il-kawza;

Rat illi per konsegwenza ta' dan il-verbal tal-Prosekuzzjoni, l-imputat Paul Vella irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri ghat-tieni, it-tielet, ir-raba' u l-hames imputazzjoni, wara li l-Qorti tatu zmien skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew din l-ammissjoni tieghu, li giet hekk ikkonfermata minnu;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkonsidrat:**

Illi l-mertu ta' din il-kawza huwa wiehed tragiku u sfortunat ghall-ahhar, u zgur halla l-marka tieghu fuq il-familja kollha tal-imputati. Il-fatti fil-qosor kienu s-segwenti. L-imputati kollha jigu minn xulxin, u jiggestixxu negozju ta' xoghol ta' kostruzzjoni permezz ta' diversi kumpanniji. Fis-17 ta' Awwissu, 2010, Wayne Vella, li jigi iben l-imputat Anthony Vella u neputi tal-imputat l-iehor Paul Vella, kien qed jaghmel xi xoghol ta' tindif fl-impjant tal-familja, fil-bitha ta' Swaey Bros, bhala preparazzjoni ghall-ftuh tax-xoghol wara x-"shut down" ta' Santa Marija f'Awwissu. Dan kien qed jaghmlu minn jeddu, minghajr hadd ma qallu, ghax hu bhala membru tal-familja Vella kellu interess li n-negozju jimxi 'l quddiem, bhal kull membru ta' familja mdahhla sew fix-xoghol u fin-negozju tal-familja. Hu kien qed juza ingenju ta' Ballut Blocks, kumpannija tal-familja, meta sehh l-incident fortuwitu u sfortunat ghall-ahhar. Il-Qorti m'hix ser tidhol fil-mertu tal-incident per se, sew minhabba l-ammissjoni ta' Paul Vella ghall-imputazzjonijiet l-ohra kollha, sew minhabba l-konsegwenza tragika tal-incident li halliet il-marka taghha indelibbli fuq il-familja. Il-Qorti ghalhekk ser tghaddi ghas-sentenza.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 225 tal- Kap 9, 6(1)(2) tal- Att 27/2000 tal- Kap 424, 3(1)(a) tal- A.L. 282/04 SL 424.30, 4(2) tal- A.L. 282/04 SL 424.30 u 5(2)(a), (3), (4) u 5 tal- A.L. 282/04 SL 424.30 tal-Ligijiet ta' Malta;

Din il- Qorti tiddikjara l- ewwel (1) akkuza irtirata, u ghaldaqstant tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha.

Fuq ammissjoni ssib lill- imputat Paul Vella hati tal- imputazzjonijiet l-ohra, u ghaldaqstant tikkundannah multa ta' hdax- il elf, sitt mija u hamsin ewro (€11,650),

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------